KUNSILL LOKALI NADUR

# Minuti tas-sitt (06) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur

## It-Tnejn, 17 ta' Awissu, 2015 fil-5.00pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| *Joseph Azzopardi* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Danica Cassar | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |

1. **Talba.**
Il-laqgħa bdiet b'talba.

2. **Deċizjoni fuq proposta tal-Bord tal-M.E.P.A. dwar ir-railing tal-belvedere fi Triq David Cocco Palmieri**

Is-Sindku nnota li sejjaħ din il-laqgħa għaliex ma rnexxielniex niddiskutu din il-materja fil-laqgħa tal-10 ta' Awissu 2015. Hu kompla li fl-aħħar seduta tal-Bord tal-M.E.P.A. qamet diskussjoni u l-M.E.P.A. ma kinitx ippreparata tieħu deċiżjoni fuq din l-applikazzjoni. Saret proposta għad-diskussjoni tal-Kunsill li flok jittella' l-ħajt propost, ir-railing tal-belvedere jitressaq lura bejn metru u metru u nofs biex ma jkunx invadenti fuq l-art tal-applikanti bil-kundizzjoni li l-ħajt ma jinbenix. F'isem il-Kunsill kienet preżenti l-kunsilliera Rita Mifsud li wasslet il-proposta tal-Bord tal-M.E.P.A.

Il-Viċi Sindku nnota li kieku tajjeb li saret proposta formali min-naħa tal-M.EP.A. Nistgħu wkoll nieħdu parir ta' perit dwar id-disinn propost tar-railing. Is-Sindku nnota li f'dan l-istadju rridu nieħdu deċiżjoni fuq il-proposta li għandna quddiemna mingħajr ma nidħlu f'argumenti li diġa ġew diskussi mill-amministrazzjoni ta' qabel tal-Kunsill u waqt is-seduti tal-M.E.P.A. Michael Camilleri staqsa jekk hux possibbli li nikkomunikaw mal-applikanti dwar din il-proposta.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament, wara diskussjoni, li l-Kunsill huwa dispost li jaċċetta l-proposta li saret mill-Bord tal-MEPA waqt is-smiegħ tat-30 ta' Lulju 2015 fis-sens li r-railing fil-belvedere ta' Trid David Cocco Palmeri jiġi rtirat lura, u dan sakemm l-istess railing jiġi

rtirat sa mhux iktar minn metru jew metru u nofs, u dan dejjem sakemm l-applikazzjoni pendenti għall-bini tal-ħajt tiġi rtirata mill-applikanti u dan sabiex jibqa salvagwardjat l-iskop wara l-istess belvedere. Din id-deċiżjoni ser tiġi kkomunikata lill-Bord tal-M.E.P.A.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.30 p.m., f'liema ħin il-kunsilliera Dr. Rita Mifsud waslet u b'mod informali ikkummentat fuq din il-materja u dak li ġie diskuss.